

stretta mill-interpretazzjoni skont id-Direttiva għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' taxa bħal dik fuq il-kombustibbli inkwistjoni?

- (<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforja l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405).
- (<sup>2</sup>) Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi li tistabbilixxi taxxi għall-protezzjoni tal-ambjent.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curte de Apel Bacău (Ir-Rumanija) fil-21 ta' Settembru 2012 — Elena Luca vs Casa de Asigurări de Sănătate Bacău**

(Kawża C-430/12)

(2012/C 399/16)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

#### Qorti tar-rinviju

Curte de Apel Bacău.

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Elena Luca.

Konvenuta: Casa de Asigurări de Sănătate Bacău.

#### Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 56 (TFUE) (li qabel kien l-Artikolu 49 KE) u l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 (<sup>1</sup>) jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali bħall-Artikoli 40(1)(b), 45 u 46 tad-Digriet 592/2008, li jipprovdu li l-persuni impjegati jew dawk li jaħdmu għal rashom jew il-membri tal-familja tagħhom għandhom id-dritt li jiksbu r-rimbors tal-ammont totali tal-ispejjeż sostnuti fir-rigward ta' kura medika barra mill-pajjiż biss jekk huma jkunu kisbu awtorizzazzjoni minn qabel għal dan il-għan?
- (2) Il-ħlas parzjali ta' trattament mediku mogħti fi ħdan il-Komunità kkalkolat skont it-tariffi tal-Istat Membru assigurat, f'dan il-każ skont l-Artikolu 7a tad-Digriet 122/2007 (abrogat bid-Digriet 729/2009), jikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 56 (TFUE) (li qabel kien l-Artikolu 49 KE)?
- (3) Jekk id-domanda preċedenti tingħata risposta affermativa, x'inhu l-limitu għar-rimbors tal-ispejjeż sostnuti minn persuni assigurati, meta l-ammont tal-ħlasijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza jkun differenti minn dak tas-servizzi previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fiha ingħata t-trattament?

(<sup>1</sup>) Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curte de Casație și Justiție (ir-Rumanija) fl-24 ta' Settembru 2012 — Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili vs SC Rafinăria Steaua Română SA**

(Kawża C-431/12)

(2012/C 399/17)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

#### Qorti tar-rinviju

Înalta Curte de Casație și Justiție

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili.

Konvenuta: SC Rafinăria Steaua Română SA.

#### Domandi preliminari

L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 124 tal-Kodiċi tal-proċedura fiskali fis-sens li l-Istat ma jkunx responsabbli għall-ħlas tal-interessi fuq is-somom mitluba mid-dikjarazzjoni tal-VAT, għall-perijodu bejn id-data tat-tpaċija ta' dawn is-somom u d-data tal-annullament tal-atti ta' tpaċija permezz ta' deċiżjoni għidizzjarja, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 183 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud (<sup>1</sup>)?

(<sup>1</sup>) ĠU L 347, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-26 ta' Settembru 2012 — ACI Adam BV et vs Stichting de Thuis kopie et**

(Kawża C-435/12)

(2012/C 399/18)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ACI Adam BV, Alpha International BV, AVC Nederland BV, BAS Computers & Componenten BV, Despec BV, Dexion Data Media and Storage BV, Fuji Magnetics Nederland, Imation Europe BV, Maxell Benelux BV, Philips Consumer Electronics BV, Sony Benelux BV, Verbatim GmbH